# Carlo Darmanin...l-istatwarju li għamel il-vara titulari ta' San Gejtanu

◆ **Kull parroċċa għandha vara titulari. Fi żmien il-festa tara r-ritratti tagħha kullimkien. Għall-Ħamruniżi l-vara ta' San Gejtanu qisha seqer. Din inħadmet f'Santa Venera f'170, Triq San Ġużepp, magħrufa mal-Ħamruniżi bħala Triq Irjali.**

L-artist li ħoloqha kien Carlo Darmanin, wieħed mill-aqwa statwarji li kellha Malta f'dawk iż-żminijiet. Il-vara nħadmet bejn is-snin 1885-88 u swiet 100 skud. Il-vara "...turi l-akbar u l-isbaħ avveniment fil-ħajja tal-qaddis meta l-Madonna kienet tat lil binha Ġesù tarbija, demm u sedqa lil Gejtanu fil-lejl tal-Milied ta' l-1517".



**Il-Vara ta' San Gejtanu ....xogħol Carlo Darmanin**

Għaliex din il-vara hi waħda komplessa minflok figura waħda, bħalma naraw il-vari tradizzjonali tar-Rużarju jew San Ġużepp.

Il-vara titulari ta' Ħal Tarxien fetħet bibien ġodda fl-istorja tal-vari Maltin. Xandru Farrugia ħoloq din il-vara b'żewġ figuri. B'hekk Carlo Darmanin seta' joħloq xi ħaġa simili għall-Ħamrun.

Hemm fattur ieħor importanti: Carlo Darmanin kien bniedem li jħobb jivvinta, kien tassew artist kbir. Naraw l-immaġinaz-zjoni ta' Carlo Darmanin fil-vara tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien, vara b'erba' figuri fejn il-pożizzjoni tat-tfal jagħmlu lill-figura marjana xi ħaġa kbira, xi ħaġa monumentali.

Darmanin ħoloq din il-vara biex turi lil San Gejtanu f'mument hekk importanti minn ħajtu. Barra minn hekk il-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu diġà kellha vara, dik ta' San Ġużepp. Il-kappillan Valletta u xi oħrajn ta' madwaru ma riedux li San Gejtanu jkollu l-istess qagħda ta' San Ġużepp.

Riedu xi ħaġa differenti, xi ħaġa oriġinali. Skond l-għidut Carlo Darmanin kellu jbiddel diversi drabi l-abbozz. Fl-aħħar aċċettaw wieħed u Carlo Darmanin medd għonqu għax-xogħol.

Il-figura tal-Madonna qegħda fuq is-sħab, figura sabiħa femminili, figura materna. F'diha qed iżżomm lil Binha "Ġesù. Il-pożizzjoni tagħha, flimkien ma' Binha Ġesù, mhix xi ħaġa tas-soltu. Naħseb li għalhekk Darmanin uża xi forma milli kellu, forsi għal wiċċ il-Madonna. Naħseb li l-figura fuq is-sħab kellha ssir kollha kemm hi għal din il-vara.

San Gejtanu jinsab għarkubbtejh. Wiċċ dil-figura ntuża wara għall-vara tat-Tradiment ta' Ġuda u li saret fl-1908, għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħal Qormi. Din mhux l-ewwel darba li għamel hekk Darmanin.

Jekk tara wiċċ Ġesù fil-vari tal-passjoni tal-Mosta naraw li wiċċ Ġesù ta' dawn il-vari jixbaħ lil wiċċ Ġesù tal-vara titulari ta' Ħal Lija.



L-istatwarju Carlo Darmanin
.... ir-ritratt ġie misluf lilna minn Frendo Photographics (Qormi).

## DRAWWIET ĦAMRUNIŻI

Il-pedestall, li kellu jsir bilfors f'għamla baxxa rettangolari, sar il-Ħamrun stess minn Giovanni Farrugia. Il-bradella u l-bankun, li huma tassew artistiċi, saru minn Antonio Sciortino. Ta' min igħid xi ħaġa fuq id-drawwiet ta' din il-vara li llum spiċċaw. Il-vara kienet tintrama għall-festa b'numru kbir ta' bukketti, fjuretti u qfief tal-ward, dalji, zinji eċċ.

L-arranġamenti tal-fjuri kienu jkunu oriġinali, f'forom mhux tas-soltu bħall-forom tal-knisja parrokkjali, il-koppla tal-knisja u l-ar-mi tal-każini. Din il-wirja tal-fjuri mietet fuq ruħ ommha wara l-ordni ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1964.

Ta' min jgħid li din il-vara għandha rabta mill-qrib mal-festi tal-Mil-ied. Fl-imgħoddi din il-vara kienet tinħareġ fil-knisja għall-jiem tal-Milied billi turi mument storiku li jseħħ fil-lejl tal-Milied. Ħasra li din id-drawwa spiċċat.

Drawwa oħra marbuta mal-vara ta' San Gej-tanu hi l-ġirja għat-taraġ u z-zuntier. Wara li tintemm il-purċissjoni ssir din il-ġirja fost l-applaws tal-Ħamruniżi. L-ewwel darba li saret kienet fl-1898 iżda għal erba' darbiet għal ftit din id-drawwa ma kienitx it-tmiem tal-vara. Anki jekk din id-drawwa hi perikoluża, il-Ħamruniżi jriduha.

**Referenza: Michael Schiavone, Il-knejjes parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom,Vol II Malta 1993.**

**Joseph C. Camilleri**